# Profil - Grupp Santa Marta

Il-Grupp Santa Marta huwa iffurmat minn grupp ta' nies li, flimkien mas-sagristani, b'imħabba u impenn, jieħdu ħsieb it-tindif tal-knisja parrokkjali, tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa u l-Għar tal-Madonna.

## Il-Bidu tal-Grupp

Il-Grupp tat-Tindif fil-parroċċa tal-Mellieħa ilu jeżisti għal ħafna snin. Għalkemm kien limitat ħafna, jingħad li beda jiffunzjona mal-ftuħ tal-knisja parrokkjali. Meta s-sagristan preżenti kien jistaqsi lil xi anzjani Melliħin rigward it-tindif tal-knisja, dawn jirrispondu li jiftakru lis-sagristan Carmelo Gauci u xi nies oħra jikinsu l-paviment tal-knisja li dak iż-żmien kien għadu ċangaturi tal-ġebel tal-franka. Dawn l-anzjani jgħidu wkoll li biex tiknes il-knisja dak iż-żmien kien ta' tbatija għaliex iċ-ċangaturi kienu jarmu ħafna trabijiet u insetti.

Maż-żmien, dawn bdew jonqsu u meta f'Diċembru 1970 inħatar sagristan Lippu Bartolo (missier is-sagristan preżenti Christopher Bartolo), mill-ewwel beda jaħseb kif isib nies li kienu lesti jagħtu ftit ħin sabiex jaħslu l-knisja. Fil-fatt, l-ewwel nies li iffurmaw dan il-grupp kienu t-tfal bniet tiegħu u xi ħbieb tagħhom. B'hekk il-knisja dejjem inżammet fi stat nadif u tajjeb.

Fl-1976, inħatar bħala sagristan iż-żagħżugħ Christopher Bartolo li mill-ewwel beda jara kif jorganizza l-Grupp tat-Tindif u possibilment jingħata iktar servizzi. Tajjeb wieħed jgħid li bejn l-1976 u l-1983 kien qiegħed isir ix-xogħol tal-iskultura u invjar fil-knisja parrokkjali. Kien żmien iebes għas-sagristan Christopher għaliex bix-xogħol li kien qiegħed isir fil-knisja, kienu jinġabru kwantita' ta' xkejjer bit-terrapien u trabijiet oħra. Dan kien jagħmlu ta' kuljum waħdu. Qrib xi festa, imbagħad, il-Grupp tat-Tindif kien jieħu ħsieb jaħsel il-knisja.

## Riforma tal-Grupp

Ħaġa li kienet tinkwieta lil Christopher is-sagristan kienet li l-knisja ma kinitx tinħasel ta' spiss. L-ewwel ħaġa li għamel Christopher kienet li ħadem sabiex ikabbar in-numru ta' membri fi ħdan il-Grupp tat-Tindif sabiex il-ħasil beda jsir iktar spiss. Il-Grupp beda iktar jieħu interess fix-xogħol li kien ikun irid isir u għaldaqstant isir aħjar u b'impenn ikbar u b'inqas tbatija.

## Il-Grupp Preżenti

Ftit snin ilu, il-Grupp tat-Tindif ġie iddedikat għall-Patruna tal-fattigi u l-ħassiela, Santa Marta. Nhar il-festa ta' Santa Marta li taħbat fid-29 ta' Lulju, dan il-grupp jieħu ħsieb jorganizza u janima l-quddiesa tas-6.30 ta' filgħaxija li ssir fil-parroċċa. Wara l-quddiesa, il-Grupp jingħata riċeviment bħala rikonoxximent tal-ħidma li jkun wettaq matul is-sena. Il-festin ikun sponsorjat minn diversi benefatturi, fosthom propjetarji tal-

ħwienet tal-ikel u l-ħelu. Is-sagristan Christopher Bartolo, li jieħu ħsieb l-organizzazzjoni tar-riċiviment dejjem jinsisti li dan jingħata u jkun sponsorjat minn diversi nies sabiex b'hekk titqajjem kuxjenza u apprezzament lejn dawn in-nisa li b'mod volontarju iwettqu din il-ħidma ta' importanza kbira għall-knejjes tagħna.

Dan il-grupp igawdi rispett kbir mill-kappillan u l-kleru kollu tal-parroċċa, mis-sagristani, mis-Sindku u l-Kunsillieri, kif ukoll mill-għaqdiet kemm dawk reliġjużi kif ukoll dawk ċivili. Fuq kollox, il-komunita' Melliħija kollha tapprezza x-xogħol li jagħmlu dawn in-nies flimkien mas-sagristani taż-żewġ knejjes tal-parroċċa.

Christopher Bartolo